# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**It-Tmien Sena** **Novembru 1938** **Għadd 93**

**1d.**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Triq San Pawl—Il-Belt.

## Il-Kotba Mqaddsa bil-Malti

**Imfissrin minn P. P. Saydon**

Ma jdumx ma jidħol għall-istampa l-għaxar wieħed fost il-Kotba Mqaddsa maqlubin bil-Malti mill-Prof. P. P. Saydon, Iżda l-awtur jisgħob bih igħarraf li billi l-bejgħ ta' dawn il-kotba hu żgħir ħafna sa jkollu jnaqqas il-għadd tal-kopji u hekk il-prezz jogħla. Min irid jixtrih, jagħti ismu lis-Sur Salv Farrugia tal-Empire Press u jkollu l-ktieb b'1/3 jew 1/6; min jixtrih mill-ħwienet iħallas 2/- jew 2/6.

KTIEB IL-ĠENESI, 1929, ma fadalx aktar minnu.
KTIEB L-EŻODU, 1930.
KTIEB IL-LEVITKU, 1930.
KTIEB IN-NUMRI, 1931.
KTIEB ID-DEWTERONOMJU, 1931.
TIFSIR IL-KLIEM, 1931.
KTIEB ĠOŻWE, 1931.
KTIEB L-IMĦALLFIN U KTIEB RUT, 1932.
IL-KOTBA TA' SAMWEL, 1933.
IL-KOTBA TAS-SLATEN, 1937.
IL-KOTBA TAL-PARALIPOMNI, joħroġ fil-bidu tas-sena 1939.

---

# RIGALI SBIEĦ U RħAS

Trid tagħti rigal sabiħ u rħis? Flok ma tonfoq ħafna flus f'kaxxi ta' ħelu u ġugarelli ta' ebda fejda, ixtri ktieb bil-Malti.

Jekk inhu tifel tal-iskola agħtih il-*Ward ta' Qari Malti*.

Jekk inhi xbejba agħtiha *Inez u Emilja.*

Lil min iħobb l-istorja agħtih l-*Istorja ta' Malta* ta' Ġ. A. Vassallo, *Il-gżejjer ta' Malta* ta' Temi Zammit, l-*Istorja ta' Birkirkara, Raħal Ġdid, Mosta,* eċċ. ta' E. B. Vella.

Lil min iħobb jaqra rumanzi agħtih *Taħt tliet Saltniet* ta' Ġ. Aquilina, *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġ. Galea, *Ċensu Barbara* u *Ċejlu Tonna* ta' Ġużè Muscat Azzopardi, *Anġli tan-Niket* ta' Ġinu Muscat Azzopardi.

Lil min hu aktar 'il quddiem fil-Malti agħtih il-*Kotba Mqaddsa* ta' P.P. Saydon, l-*Oqbra* ta' Dun Karm; *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona.

U biex iżżewwqu l-għażla għandkom: *Minn Xtut in-Nil*; *L-akbar imħabba*; *Il-ħajja tar-Re u r-Reġina*; *Ward jew Xewk*, u oħrajn.

U jekk ktieb wieħed jidhrilkom li hu ftit, agħtu tnejn, tlieta, aktar.

# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

NOVEMBRU 1938] IT-TMIEN SENA [Għadd 93

# IL-POEŻIJA SATIRIKA FIL-LETTERATURA MALTIJA

Fil-faċċata letterarja tal-*Berka* tas-17 ta' Ottubru li għadda Karm Vassallo kiteb: "...jista' wieħed igħid li l-letteratura tagħna hi sajma għal kollox mill-kitba satirika." Imma jżid igħid: "...xi ħaġa żgħira satirika mxerrda 'l hawn u 'l hinn f'xi kotba ġewwiena, li trid nemes biex issibha, naħsbu li għandna wkoll." Sentejn qabel jien kont ktibt fil-*Ward ta' Qari Malti* (l-ewwel ktieb, faċċ. VIII) li "mill-poeżija satirika neqsin" B'dan il-kliem jien ridt infisser li l-poeżija satirika *tinsab* ukoll fil-letteratura Maltija, iżda jew mhix maħduma bis-sengħa li tagħtiha siwi letterarju u jedd li tidħol fil-kotba tat-tagħlim, jew inkella mhix ta' għadd hekk kbir li tgħaqqad fergħa letterarja għaliha. U nwettaq kliemi b'eżempi.

Ma nsemmix dik il-poeżija satirika li ftit snin ilu kienet tidher aktarx kull ġimgħa fil-gazetti politki. Għalkemm xi drabi kienet turi xejra satirika sabiħa, il-ħajja tagħha kienet twila daqs il-ħajja tal-gazetta ta' dak in-nhar. Titqatta' l-gazetta u tmut il-poeżija. Imma rrid insemmi biss dik il-poeżija li hi miġbura f'kotba li jista' jaqrahom kulħadd.

Mal-poeżija satirika ngħoddu *Il-Mewt u x-Xħiħ* u *Il-Pinna u l-Klamar* it-tnejn ta' Ġ. A. Vassallo u li huma miġjubin f'*Leħen il-Malti* ta' Diċembru 1931 u ta' Ġunju 1932. L-ewwel waħda hi tiswita lix-xħaħ li tiġi l-mewt fuqhom għal għarrieda. L-oħra hi tingiża iebsa lil ħafna kittieba bla fejda li aħjar qatt ma kitbu xejn u li mħabba fihom il-klamar jisħet

is-siegħa li ltaqa' ma' martu l-pinna. U poeżijiet oħra ta' Ġ. A. Vassallo, satiriki għal kollox, tħoss fihom ukoll is-sawt u n-niggieża ta' min irid iwiddeb u jgħallem.

Xejra satirika tinħass ukoll f'xi poeżijiet ta' Dun Ġ. Farrugia miġburin fiż-żewġ kotba *Sagħtar u Plejju* (1924) u *Palm u Rand* (1925).

Satirika hi wkoll in-novella *Stedina tas-Sinjura Betta* f'*Leħen il-Malti* ta' April 1934 u ta' Lulju-Awissu 1935, għalkemm din hija proża u mhux poeżija.

U jekk nibqgħu ngħarrxu aktar fil-kitba Maltija nsibu xi bċejjeċ oħra li jżidu l-ġemgħa tal-kitba satirika. Imma wisq ma nsibux, għax ix-xejra satirika fil-kittieb Malti jew tieħu tôn serju ż-żejjed ta' wieħed li jrid iwissi u jgħallem, jew tieħu tôn ċajtier ta' min irid iħarref u jdaħħak. Imma fit-triq tan-nofs donnha ma tafx timxi, u għalhekk aħna neqsin minn dik il-għamla ta' poeżija li tniggeż, issawwat u tidrob fil-waqt li bi kliem ħelu u melliesi donnha qiegħda tfaħħar. Imma t-tingiż u s-swat għandhom ikunu għall-ġid, u mhux biex nikxfu għawar għajrna, inxandruhom u ngħajjruhom. Min qara l-ktieb li jismu *Il Giorno* tal-poeta taljan G. Parini jifhem x'irrid ngħid. Il-poeta ried isawwat il-ħajja mtajjra ta' xi sinjuri kbar u għolja ta' dak iż-żmien u għalhekk jagħmel ta' bir-ruħu surmast li jrid igħallem wieħed żagħżugħ minn dawn il-kbarat kif għandu jgħix, u jibda biex igħidlu li hu mhux mill-qatgħa tan-nies l-oħra u għalhekk il-ħajja tiegħu ma għandhiex tkun bħal tan-nies l-oħra. U bil-kliem tiegħu melliesi jbiċċer 'il-dawn il-għonja aktar milli kieku sawwat bid-dieher il-ħajja ħażina tagħhom.

## IL-BAĦAR

Firxa twila twila,
U ma tispiċċa qatt,
Medda wiesgħa wiesgħa,
U ma jaħkimha ħadd.

Daqqa bħal merħla bajda
Tiġġerra bla serħan,
Daqqa bħal ħġieġa tlellex
Qed tħares il-qigħan.

ĠORĠ PISANI

# Il-Professur ĠUŻÈ AQUILINA
## Awtur tar-Rumanz "Taħt Tliet Saltniet"

Kont għad bil-kemm kelli tmintax-il sena meta l-isem ta' Ġużè Aquilina beda jintiseġ ma' ħajti. Kont bdejt naqra kitbitu f'*Leħen il-Malti*, u xi ħbieb kienu jsemmuh bħala żagħżugħ ħabrieki. Ħaġa tal-għaġeb, dak il-bniedem li ma kontx nafu, kont ġa nġbidt b'qawwa lejh. Min kellu jgħidilna dak in-nhar, lili u lilu, li għad irridu naħdmu flimkien, f'qasam wieħed, għal ġid u l-ġieħ ta' l-ilsien li hu tagħna u li ħabbejna b'ruħna u b'ġisimna ?



ĠUŻÈ AQUILINA (Misluf minn "*Il-Berka*")

"Aktarx niltaqa' ma' Ġużè Aquilina," għarrafni ħabib tiegħi, dan ukoll il-lum bena isem mill-isbaħ ta' Poeta Malti.

Ma tniffistx, imma stennejt bi ħrara li jasal il-ħin. Kien seħer li ġibidni? Ma nafx; imma xtaqt li nkun nafu. Wara ftit, "Dan Aquilina", qalli l-ħabib. Ħadna b'idejn xulxin, waħħalt għajnejja f'għajnejh, u ħassejt fija l-kobor ta' dak il-bniedem.

Minn dak in-nhar għaddew sitt snin, sitt snin li ħadmu sħiħ fuq il-karattri tagħna t-tnejn: sirna aktar ħaġa waħda, naħsbu aktar xorta, nħobbu xorta, niġru flimkien; żgur li ma

kien hemmx tnejn oħra li qablu daqshekk f'fehmiethom. Sitt snin, u kif għaddew mimlija ferħ u wara l-ferħ, bħalma d-dlam wara d-dawl, għaddiet minn fuqna xi drabi l-id qerrieda tan-niket u tal-ġlied mill-egħdewwa.

Miniex bi ħsiebni niġbed fit-tul il-ħajja tal-Professur Aquilina. Anqas ma huwa ħsiebi nikteb fuq ċkunitu għalkemm minn kull ma stqarrli hu nista' nikteb tgħidx kemm: naf li hu safa ltim minn missieru meta kien għadu tifel ċkejken u għex mill-ħniena u l-imħabba ta' qrabatu; naf li bħal tfal oħra kien isarraf tiegħu ; kien imqareb u kien jagħmel praspar idaħħkuk. Kien għad bil-kemm xaqleb l-erbatax-il sena, u l-ħeġġa tal-kotba kienet diġa fih. Mhux darba u tnejn għonos u raqad fuq il-kitba ta' kittieba kbar barranin. U fih, sa minn ċkunitu, kienet diġa bdiet tissawwar il-fidi tal-lsien Malti. Is-Surmast li kellu fis-Siminarju ta' Għawdex kien igħidlu li ħela ta' żmien il-qari bil-Malti, u li xogħlijiet bħal dawk iħallihom lil min ma għandux x'jagħmel.

Ma rridx nikteb dwar ħajtu mbiegħda, imma rrid nersaq iżjed lejn żmienna, lejn dawn is-sitt snin, mimlija bid-dawl tas-sabiħ u mħallta bl-imqata tal-ħajja, li s'issa, jien u hu, għaddejna flimkien, ħbieb fil-ħsieb, fir-ruħ, u sa fix-xejra ta' kitbitna.

Meta fis-sena 1931, bit-tħabrik tat-tabib Rużar Briffa u tat-tabib Ġużè Bonnici, dik il-ħabta studenti fl-Università tagħna, twaqqfet Għaqda tal-Malti, Aquilina kien minn ta' l-ewwel li ndaħal biex igħin bil-kitba tiegħu, miżgħuda ħsibijiet, u biex jitqabad kontra min, għodda qarrieqa tal-barrani, kien irid ixejjen il-ħila u l-ġmiel kotran ta' lsienna. Ismu deher ma' l-ewwel ħarġa ta' "Leħen il-Malti", ir-rivista letterarja tal-Għaqda taħt artiklu 'Il-Għana f'Ħalq il-Malti'. Il-għan tiegħu mill-ewwel kien li jagħti lill-kittieba kbar il-ġieħ li jistħoqqilhom. Għalhekk rajna minnu xogħlijiet ta' kritka letterarja dwar il-poeżiji ta' Ġużè Muscat-Azzopardi, Dun Karm, u Ninu Cremona. B'hekk, kif ħaseb tajjeb hu, kienet qed tidher mhux biss sengħethom, imma wkoll il-ġmiel imżewwaq tal-Malti, is-safa tal-kelma, is-saħħa tal-ħsieb, ir-ruħ tal-poeżija. B'ġebla waħda kien qed jolqot żewġ għasafar. Ixerred l-isem ta' l-aħjar kittieba tagħna, u jqiegħed fuq pedistall għoli l-ilsien li ommu għallmitu, biex ninqdew bi frażi ta' poeta mill-aktar magħruf, 'fl-iskola ta' ħoġorha'. Beda jikteb ukoll xi novelli, stil tiegħu, li f'uħud minnhom laqat fil-laħam il-ħaj lil min ried igħajjeb ilsienna. 'Katrin x'taf bil-Latin ?' tiġbor fiha kwadru ta' nuqqas ta' mistrieħ u ta' dwejjaq kontra l-moviment li hawn li jwaqqgħu ġieħ il-Malti.

Meta t-tabib Rużar Briffa, u ftit xhur urajh it-tabib Bonnici, telqu r-riedni tax-xogħol tal-'Leħen' f'idejn ħaddieħor, f'idejn il-Professor Saydon, Ġużè Aquilina ntafa' wkoll minbarra fil-kitba,

fit-tmexxija tar-rivista. Ħadem sħiħ, u l-ħidma tiegħu tat il-frott bnin u mixtieq. F'idejh kien merħi x-xogħol li jaħdem fuq il-karattru taż-żgħażagħ u jdawwarhom għall-ħsieb tiegħu, il-ħsieb waħdieni li ebda qawwa barranija ma tista' tegħlbu, dak jiġifieri li jħajjarhom iħobbu kull ma hu Malti, u jiġbidhom lejn l-egħġubijiet—l-art u l-ilsien—li jagħmlu n-nazzjon Maltija. X'sata' jħassel minn din il-propaganda b'riżq il-Malti? Sata' kieku ried laqa' l-ħafna wegħdi sbieħ li kienu jagħmlulu nies ta' min joqgħod fuqhom, u jħobb ilsna oħra. Imma hu, żagħżugħ b'moħħ imdawwal, b'ħila intellettwali ogħla minn taż-żgħażagħ l-oħra, ried jimxi fit-triq li kienet turih l-imħabba ta' qalbu. U rebaħ.

"Aquilina, kiteb il-Professur Saydon, ħabb il-Malti mhux biex jimxi mal-mewġa, iżda biex jisma' minn ruħu, ħabb il-Malti mhux għax hekk kien jaqbel, aktar kien jaqbillu li ma jħobbx il-Malti, ħabb il-Malti mhux għax rah sabiħ, imgħolli fuq pedistalli tad-deheb, imma kien hu li ħadem biex il-Malti jitqiegħed fil-għoli fil-ġieħ li ħaqqu."

Minn fil-għodu sa fil-għaxija qajla kien isib ħin wieħed mistrieħ, jaqra, jikteb, jgħallem u jitgħallem. Mal-fergħa tal-Malti hu kellu fergħa oħra ta' l-Ingliż: inħatar Viċi-President u Editur tal-*Journal* malli twaqqfet, bejn l-istudenti ta' l-Università, '*The Malta University Literary Society*'. F'kull ħarġa tal-*Journal* kien jidher għadd sabiħ ta' poeżiji minn tiegħu, uħud minnhom inqalbu bil-Malti, oħrajn niżlet fuqhom għajn ta' tifħir minn kittieba tajba Ingliżi. Ma' tul seba' snin kiteb bl-Ingliż madwar il-160 poeżija. O. Fogarty, Professur tal-Letteratura Ingliża u ta' l-Istorja fl-Università Rjali tagħna, meta ġie biex jikteb fuqu ma sabx ħlief xi jfaħħar: "*He is most efficient, painstaking and reliable. He possesses a capacity for hard work and for getting to the depths of a subject. He has a gift for poetry that is decidedly original and of a high order.*"

Imma l-ħidma tiegħu ma tieqafx hawn. Hu dejjem xtaq u ried li dak li tfantsu jagħmlu ta' qablu, imidd għonqu għalih jekk jista' jkun hu. U b'dan il-ħsieb, flimkien mal-Professur Saydon, intafa' għax-xogħol ta' l-ewwel antoloġija bil-Malti. Dawk biss li sahru jistudjaw biex jiksbu professjoni, jafu x'jiġifieri, flimkien ma' l-istudji, tintafa' għal xogħol ieħor barrani. Kif sata' jsib ħin ? Kif sata' jarfa' ħsiebu fuq xogħlijiet twal li jitolbu ħin, ħeġġa, u kunċentrazzjoni ? Dan li għalija, għalkemm nista' ngħid ħadd iżjed minni ma kellu x'jaqsam miegħu, dan li għalija baqa' bħal mistur fid-dlam. Biss ingħid li ħiltu ma tibża' minn xejn: għalih l-aħjar meta jiġi wiċċ-imbwiċċ mat-tfixkil u ma' ħidma tqila. Mhux għaġeb, mela, li hu witta t-triq fejn ħaddieħor, li ma kien xejn nieqes minn moħħu u li kellu ħinu tiegħu, baża' li jirfes. F'din l-antoloġija dehru, bħal ftit kwiekeb żgħar li tgħoddhom fuq subgħajk,

l-aħjar poeti żgħażagħ. X'ġieħ ogħla sata' jkollhom, u x'ħeġġa akbar setgħet tixxerred ġo demmhom, milli jaraw kitbithom ħdejn il-kitba qawwija tal-kittieba xjuħ tagħna; ruħhom ħlim-kien mar-ruħ ta' dawk li huma jżommu bħala d-dawl ta' l-ispi-razzjoni tagħhom ?

## IR-RUMANZ "TAĦT TLIET SALTNIET"

U issa niġu għar-rumanz "Taħt Tliet Saltniet", rebbieħ ta' l-ewwel premju fl-ewwel konkors imniedi mill-Gvern fis-sena 1935. Ħadd daqsi ma jista' jgħid kif Aquilina għamel dan il-ktieb. Qabad jiktbu meta l-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena kinu-lu wara l-bieb; irid jistudja għax l-eżamijiet magħna, u jrid jikteb rumanz, u żmien x'jitlef ma kienx hemm, ftit xhur oħra u jagħlaq. Is-sajf kien dieħel ġmielu, u r-rumanz għadu fl-ew-wel kapitli. B'xorti tajba mill-eżamijiet għadda, u issa ma keħlux x'jagħmel ħlief iqatta' t-tliet xhur bla jaħseb u jġib min jaħseb, jikteb u jagħnet għal dan ir-rumanz li kellu jkun l-ewwel biċċa xogħol fit-tul, ħolqien tiegħu. Inġabar f'daru ġo Għawdex, bgħid minn kulħadd. Tliet xhur li meta tkun med-hi fuq xogħol twil u li ħiereġ minn ruħek, tarahom igħaddu bħal leħħa ta' berqa. Meta raġa' lura Malta fl-aħħar ta' Settembru, ir-rumanz, madwar 500 paġna, ma kien jonqsu xejn, biss jorqmu ftit ieħor u jirfdu b'xi ħsebijiet. L-ewwel ma fdah f'idejja, u qrajtu mill-bidu sa l-aħħar. Il-ħsieb li ġieni dak in-nhar, ma' l-ewwel darba li qrajtu, għadni nżommu sa issa wara li ġa għad-da minn taħt għajnejja tliet darbiet: dak ir-rumanz joqgħod ħdejn l-ogħla jekk mhux l-ogħla li għandna.

"Taħt Tliet Saltniet" fih minsuġa mal-ġrajja ta' mħabba romantika tagħlima meħtieġa li tinżel dlonk fil-qalb; tolqot b'saħħa u tidrob lill-għani; u lill-fqir ittellgħu ħarira 'l fuq fis-sellum tal-ħajja. Il-għani għandu jagħti miż-żejjed biex jimla n-nieqes tal-fqir. Hekk kieku d-dinja timxi aħjar, għax ir-rabta ta' fehmiet li jaqblu u jinġiebu, tissaħħaħ iżjed. Hi iebsa tassew li kulħadd jasal sa fejn wasal Alessandru, il-karat-tru ewlieni tal-ktieb: jitlaq kollox, għana u titli, jitbiegħed mill-ħajja soċjali, jarfa' fuq spallejh is-slaleb tal-għomja u l-imċewl-ħa, l-imsawta, il-maħqura, il-foqra, il-ħaddiema. Imma jekk ħadd ma jasal biex jitla' għal ħaddieħor it-telgħa tal-Kalvarju tal-ħajja, għall-inqas imejlu rashom għal dak id-dawl li jxerred il-Vanġelu ta' Kristu: itma' 'l min qiegħed inin bil-ġuħ u bil-għera.

X'jagħmel lil dan ir-rumanz rumanz kbir? L-ewwel u fost kollox l-oriġinalità tas-suġġett, ħsieb għoli, imfisser bla tiġbid, li ma jinżelx sa fejn tinżel il-mentalità tal-poplu bla kultura. Minħabba f'hekk hu ta' interess universali, u jolqot, għax sabiħ, lil kull min għandu moħħ biex jifhem u qalb ħani-

na li tħobb. Id-deskrizzjonijiet ta' mkejjen u ta' nies huma mill-aħjar: sabiħa dik il-lejla ta' qtugħ il-għeneb; ħelwa mfissra l-imħabba taż-żewġ żgħażagħ, il-wieħed għandu ġid sa jesa ġildu, l-oħra ħaddiema tar-raba'; kbira ż-żifna ta' l-Ispanjola, iż-żifna tal-mewt; u tħossha tolqtok u twerwrek f'daqqa waħda s-saħta tax-Xiħa ta' Wied Għafrid lir-raġel tal-midħna li qatel lil binha, l-iben waħdieni li kellha, marradi, ibleh, bla saħħa. Minbarra dan, il-merti tas-sengħa ta' Aquilina huma wkoll stil għoli, kelma safja, vokabolarju wiesa', karattri maqlugħa. Hu jaf inaqqax fil-karattri ħajja kbira. Aquilina għex fost il-poplu u mill-poplu ħa matmura biżżejjed ħalli biha, biex ingħid hekk, 'jitma' ' ħsebijietu.

Sewwa qallu Laurent Ropa f'ittra li bagħatlu: *Voi siete tra i giovani il più abile a produrre dei grandi lavori in Maltese degni di imporsi allo straniero.*—Inti fost iż-żgħażagħ l-aktar wieħed ta' ħila biex toħloq xogħlijiet kbar bil-Malti li jistħoqqilhom jitqiegħdu quddiem il-barrani.

Imma dawn ir-rebħiet ma kenux biżżejjed għal Aquilina. Rebħa oħra, akbar u aħjar, u li fetħitlu xefaq ieħor sabiħ minn ħajtu, kienet qed tistennieh. Aquilina s-sena l-oħra ngħażel bħala Professur ta' l-Ilsna Orjentali fl-Università tagħna. Dan ġid għalih u għalina li naqblu ma' fehmtu: għalina għax b'riżqu jikber l-Ilsien Malti li hu t-tama, il-ħeġġa, il-ħila, u l-imħabba tagħna, ħajjitna nfisha.

ĠUŻE CHETCUTI

## LILL-MEWT

Rajtek darba, ja Mewt, taħsad bla ndiema
L-hena ta' dar : tindiehes qajla qajla,
Ġo kamra kollha dawl, qisha xammiema,
U tbus il-moħħ żagħżugħ ta' waħda tfajla.

Darb'oħra rajtek tagħmel sitt iltiema,
Xħin lill-missier wassalt sa ħdan ta' qabar,
U barra li qredtilhom dik is-sliema,
Int tfajt lil dawk l-imsejkna fl-akbar faqar.

Kerha tassew ilmaħtek lejla waħda
Iżżiegħel b'ġuvni fuq l-iskrivanija,
U lilu tħabbar ta' kull ġieh iċ-ċaħda.
Lejlet il-ferħ u l-ħlas ta' mitt tbatija.

'Ma qatt ma rajtek ikrah daqs kemm qiegħda
Fuq qalb li fiha satret il-mibegħda.

ĠORĠ PISANI

Għawdex

# KELB IS-SMEWWIET

*Maqluba mill-Ingliż ta' Francis Thompson "The Hound of Heaven."*

Jien ħrabtu tul l-iljieli, tul il-jiem;
ħrabtu ġod-dlamijiet tas-snin ta' ħajti;
jien ħrabtu ġot-triqat imħabbla
ta' ħsebijieti :
fi ċpar id-dmugħ inħbejt,
u taħt id-daħk li stajt insib fi trieqti.
Ġrejt fl-għoli ta' xewqati
fuq il-ġwienaħ imżewqa b'kull lewn;
u ntfajt, inxħett
ġor-rdumijiet waħxija, mudlamin
biex naħrab minnhom dawk ir-Riġlejn
li bla heda ħassejthom jiġru wrajja.
Iżda b'ġiri bla għaġla,
b'mixja bl-ebda tfixkil,
meqjusa,
bil-ħrara tal-kburija,
għadhom warajja, u Leħen jidwi fuqhom,
aktar imħarrar minnhom,
"Kull ħaġa tiċħdek la qêd tiċħad Lili".

Waqaft nittallab, bħal maħrub, nixxabbat
mat-twieqi mżewwqa bi ħneniet tħammirhom,
u bit-tjubija 'mdellijin ta' qlubhom,
(għax ta' Min ġera wrajja għalkemm għaraft
l-imħabba ħierqa, bżajt li jekk fi ħdanu
nitlaq ruħi, minn kollox kont niċċaħħad).
'Mma jekk xi twejqa żgħira nfetħet beraħ,
fewġiet ġirjietu dlonk sabbtitha 'l ġewwa.
M'għarafx il-Biża' jaħrab daqs kemm issus l-Imħabba.
Ħrabt lhemm minn xfar id-dinja
u tal-kwiekeb intfajt fuq il-bibien
tad-deheb; ħabbat bil-ħerqa, ġagħaltha tidwi l-għajta
għall-kenn fuq ħabbatiethom.
Dħalt u qanqalt, qajjimt ħlewwiet leħinhom
l-ilmijiet imnagħsa ta' qaliet il-qamar,
għidtilha 'l-għodwa: Isa—'l-lejl : Malajr !
bin-nwar kaħlani għattini,
aħbini minn Imħabba hekk qawwija!
L-istar tiegħek ħafif dawwarli miegħi
ħalli ma jilmaħnix.

Nbixt kull qaddej tiegħu,
iżda f'sedqhom, fil-ħerqa ta' mħabbithom,
f'qawwiet eminhom lejh, dawn qarrqu bija.
Jien tlabt il-ħeffa lil kull min hu ħafif,
tqabbadt max-xuxa tvenven tal-irjieħ.
Iżda sew jekk dawna siekta
qasmu witgħat in-nir;
sew, jekk mir-ragħad misjuqa,
dwew b'mirkbu 'l-firxa tas-smewwiet fil-ħarba
tagħhom, bix-xuxa tal-beraq tittajjar
madwar riġlejhom ħfief : —
m'għarafx il-Biża' jaħrab daqs kemm issus l-Imħabba.
Iżda b'ġiri bla għaġla
b'mixja bl-ebda tfixkil,
meqjusa,
bil-ħrara tal-kburija,
Riġlejh baqgħu jinstemgħu jiġru wrajja;
u Leħen jidwi fuqhom
"Xejn ma jkenn lilek, la ma tridx tkenn Lili".

F'wiċċ żagħżugħ jew xebba
ma fittixt iżjed dak li ntlift warajh,
iżda fl-għajnejn ċkejkna tat-tfal żgħar
nilmaħ xi ħaġa li tweġibni, dawn
għall-anqas nista' ngħid li huma għalija!
Dort lejhom b'ħarsti mxennqa,
'mma kif għajnejhom sbieħu f'daqqa
jilmgħu bil-ftuħ ta' tweġibithom, minni
ħatafhom l-anġlu tagħhom minn xuxithom.
"Intom mela", għidt jien, "intom,
Ejjew intom,
ulied l-oħra tan-Natura,
aqsmu miegħi
il-ħbiberija safja tagħkom; magħkom
ħalluni nitbewwes:
ngħannaqhom biż-żegħil,
nixxiegħel
mad-dafriet imferrxa ta' l-Omm tagħna;
nitgħaxxa
fil-ħlewwiet tal-ikliet tagħha,
fid-djar tagħha mibnija bl-irieħ
tas-smewwiet taħt l-għata ikħal
inxarrab xofftejja,
bis-safa' ta' mġebitkom,
minn kus bi qtar ileqq minn dmugħ il-jum."
U sar hekk :

Jiena tassew sirt ħaġa waħda magħhom—
ftaħt il-bibien magħluqa tan-Natura.
Jien, jien sirt nifhem sa l-iċken tifsira
tal-ħarsa riegna tas-smewwiet, sirt naf
kif jinġema' l-isħab
mrawgħa mill-infir qawwi tar-rieħ;
kull ma jibda w jintemm
miegħu twelidt u mitt; kull dell ta' hena
jew ta' dwejjaq xħett fuqi;
fraħt u tbekkejt magħhom.
Ruħi ddallmet kull għaxija
xħin b'mixegħla ta' mitt kewkba
din iddallmet għall-mewt is-sbuħijiet
tal-jum. Tbissimt
f'ħarsiet il-għodwa.
Ma' kull sema ssebbaħt u tnikkitt;
smewwiet u jien
bkejna flimkien,
u l-ħlewwa tad-dmugħ tagħhom
bl-imrar inkisret ta' demgħat għajnejja;
mal-ħmura tat-taħbit
ta' qalb inżul ix-xemx
jien qgħedt qalbi
biex tħabbat
u ma' qalbu f'nar wieħed tissaħħan u titkebbes.
Iżda fix-xejn safa dan kollu: l-hemm
dan ma taffiex ta' qalbi.
Għalxejn xarrabt
bi dmugħi ħaddejn is-smewwiet:
ma stajna qatt, jaħasra ma' xulxin
niftehmu dawl-ħlejjaq u jien;
Ħsiebi hu l-kelma—hosshom hu t-taħrik,
jitkellem bis-skiet.
In-Natura, omm imsejkna,
ma tista' b'xejn ittaffi n-nixfa tiegħi;
tneħħi, jekk trid,
jekk trid xi ftit tfarraġni,
tneħħi dik l-għata kaħlanija tas-sema
turini l-ħlewwa u l-benna ta' ħdanha:
qatt bil-barka ta' ħlewwiet ħalibha
ma ttaffa l-ħruq ta' ħalqi.

Riesaq, riesaq dejjem fuqi
b'mixja bl-ebda tħxkil
meqjusa,
bil-ħrara tal-kburija;
u qabel ir-Riġlejn
ġej Leħen iħfef fuqi:
"Xejn ma jhennik, la ma tridx thenni Lili".

Mgħarwen qiegħed nistenna d-daqqa mdendla
ta' mħabbtek! L-azzar tiegħi
kissirtuli biċċa biċċa.
Tfajtni għarkobbtejja;
b'xejn ma nista' nilqa' ruħi.
Irqadt, jidhirli, w qomt
u x'ħin ħarist ma' dwari sibt li f'ngħasi
kont neżżajtni. Fit-telfa
mogħmija ta' qawwiet żgħużiti għeżżiżt
is-sigħat li mibnija kienet fuqhom
ħajjti, u 'l din imġarrfa niżżilt fuqi;
ikħal u mbenġel
arani mdawwar bit-tiġrif ta' snini—
żgħożiti mbiċċra
hemm qiegħda mejta taħt il-fdal imġarraf.
Jiemi tkissru,
inħarqu f'irmied;
intefħu w infaqgħu
bħal dawl ix-xemx jitliegħeb fuq nixxiegħa.
Tassew, minn issa wkoll għebet il-ħolma,
dabli f'idejja l-ljut;
id-damma mwarrda wkoll ta' ħsibijieti
fejn biex niżżejjen jien xenxilt id-dinja
għoddha spiċċat fix-xejn;
irbit dgħajjef dan għad-dinja,
hekk imtaqqla mfll-biki w mit-tiġrif.
Mhix aktar mela mħabbtek
minn nitfa ħaxixa! ħaxixa
li għalkemm bil-ward li ma jitbielx tissebbaħ
ma tkabbarx għajr wardietha?
Bilfors mela—
bilfors, o Pittur ta' bla qies,
bilfors li 'l ħatba trid tagħmilha faħma
qabel ma tħażżeż biha?
In-nida ta' żgħożiti
nixfet u ntemmet fit-trab;
qisha għajn imkissra qalbi, fejn jinġabar
f'ilma qiegħed id-dmugħ
imqattar mit-tregħin ta' ħsebijieti
tul l-egħruq morda ta' moħħi.
Dan issa? kif se' jkun mela l-quddiem?
il-bieba hekka morra, x'togħma jkollha l-qoxra?
Qed nilmaħ xi ħiel ta' dak li ż-żmien
għandu moħbi fiċ-ċpar; ta' sikwit jidwi
ġej qarn minn fuq is-swar
moħbija tal-ħajja ta' dejjem;
jiftaħ xaqq dawl iċ-ċpar imriegħed, imbagħad
madwar it-torrijiet kemm kemm jintlemħu
jerġgħu qajl qajl jingħalqu.

Iżda mhux hekk malajr
li ma għaraftux lil dak li daqq il-qarn
imkeften fi star aħmar, rasu mdawwra
biċ-ċipress; ismu nafu, w nafu tajjeb
il-kliem imwassal fuq id-daqq tal-qarn.
Kemm jekk il-qalb, kemm jekk ħajjiet il-bniedem
inti tiġbor f'ħażnietek,
bil-fors li l-benna tagħhom
l-egħlieqi tiegħek jeħduha mill-mewt?

Issa fil-qrib jinstemgħu
il-ħsejjes tal-ġiri wrajja;
fuqi l-leħen bħal ħalla ta' baħar:
"Hi mela artek hekk imħarrbta, mkissra
biċċa biċċa?
Kollox jaħarbek, int li taħrab Minni!
Int li bil-kemm għandek ix-xebħ ta' bniedem,
li ħasra ġġib lil min iħares lejk,
m'ngħajr ebda ħila w siwi,
kif qatt xi ħadd jista' jurik imħabbtu?
La ħadd ħlieħ ma jkabbar liċ-ċkejknin,
u mħabbiet il-bnedmin titlob x'jisthoqqha,
x'tista' int tisthoqq, (Hu qal)
fost ir-rimi int l-aktar mormi?
Ma tafx, jaħasra, x'imħabba jisthoqqlok!
issib xi ħadd li jħobbok, rimi bħalek,
ħlief Lili, Lili biss?
Kull ma ħadtlek ħadthulek
mhux biex innikktek
iżda biss biex int tfittxu fil-ħdan Tiegħi.
Kull ma, ta' tfal li int, taħseb li tlift,
erfajthulek id-dar:
Qum, ħu idi w immorru!"

Jieqfu ħdejja r-Riġlejn:
fl-aħħar minn l-aħħar huma dlamijieti
id-dell ta' l-id li newwel Hu b'żegħil?
"Jien, Jiena Hu, ja l-akbar fost il-boloh,
l-akbar fost l-għomja, l-akbar fost il-ġwejjda,
Jiena dak li int qed tfittex!
Twarrab l-Imħabba, meta twarrab Lili".

ED. COLEIRO

# DIN IL-ĦAJJA

GNOTHI SEAVTON (1)
(*L-Oraklu ta' Delfu*)

Konna trabi ningħu fil-benniena; sirna tfal nilagħbu fil-ħarât; tbiddilna f'żgħażagħ nitgħallmu l-iskola; u issa sfajna rġiel, naħdmu fuq ix-xogħol. Ftit ieħor u nsibu ruħna xjuħ, ingemgmu f'xi rokna. Konna trabi smien u raqqâda; sirna tfal qawwijin u ġellieda; tbiddilna f'żgħażagħ ħfief u nebbiexa, u issa sfajna rġiel, imgħaddma u ħaddiema; ftit ieħor u nsibu ruħna xjuħ, imkemmxa u lablaba.

X'ħaġa hi din il-ħajja ! Kull ħaj sejjer dejjem jitbiddel. Jitbiddel kull ħin; jitbiddel kull waqt; imma le jintebaħ b'tibdilu għajr wara li jkun għadda ż-żmien.

Imma bin âdam—u naħseb kull ħaj—m'hux fil-ġisem biss jitbiddel. Jitbiddel ukoll fil-fehmiet. Il-fehma ta' dak li jkun m'hix għajr titbiddel. Titbiddel mat-tiġrib tal-ħsus (2) li jidħlu fiha minn barra. Nitwieldu bla fehma; nibdew nifhmu hekda kif nibdew inħossu. Aktar ma nikbru, aktar inġarrbu, u aktar ma nġarrbu, aktar fehmitna tissaffa, titbiddel u tikber magħna.

Kull nies—kont sa ngħid kull ħaj, imma jgħidu li l-ħajjin behmija ma jaħsbux—malli jibda jħoss jibda jaħseb; u malli jibda jaħseb isib quddiemu tliet misqliet (3) hemmija: Minn fejn ġejt ? Fejn jien ? Il fejn sejjer ? U jgħaddi ħajtu jaħseb u jfittex u jara jistax isib ħall għal dawn it-tliet għaqdiet qawwija.

L-aktar hemmija fost it-tlieta, jekk ikolli ngħid, hi l-misqla ta' Fejn jien ? jew il-misqla tal-ħajja. L-aktar hemmija għax ninsabu fiha mhux ġejna minnha, jew irridu nmorru lejha. Li għadda, għadda; u li ġej għadu ma hux. L-aktar li jhimm lil ħaj, dak li jinsab fih issa.

Xinhi din il-ħajja ? Xinhi din il-metamorfosi dejjiema ? Hi ħaġa tajba jew ħażina ? Jaqbillu 'l dak li jkun li jiġi fil-ħajja jew ma jaqbillux ?

Irrid ingħid hawnhekk kif naħsibha jiena; kif inwieġeb lili n-nifsi għal din il-mistoqsija għazzieba; kif issawret il-fehma tiegħi fuq it-tiġrib ta' ma' tul ħajti; bla ma nindaħal f'dak li jgħidu l-oħrajn.

* * *

Il-ħajja ! It-tiġrib magħġub u mikruh tal-ħames ħsus barranija, u l-*focus* jew milqgħa tagħhom, il-ħsieb ġewwieni. Fejn aħna ? nsaqsi mill-ġdid; xinhi l-ħajja ? Ġid jew deni ?

Ġid hu dak kollu li jiswa biex ihenni; deni, dak kollu li jiswa biex ihemm. Jekk mela d-dinja fiha l-aktar hena hija ġid il-ħajja. Jekk fiha l-aktar niket, il-ħajja hija deni.

F'torbijitna jidhrilna li l-ħajja ġid, għax il-ħajja fit-torbija aktar fiha hena milli hemm. F'żgħoritna kulħadd iħobbna, u għal kull ma niħtieġu nsibu min jaħsbilna. Insibu min jitmagħna, min jisqina, min ilibbisna, min iliegħebna, u meta negħjew, min iraqqadna. Imma kif nibdew nikbru, u jibda jintalab minna li naħsbu għal rasna, saħansitra b'inkejja fina, hemm il-fehma tagħna tibda titbiddel, u l-ħjiel tal-ħajja jieħu bixra oħra, mit-tiġrib ta' barra li jiddi fil-ħsieb.

Mela jekk il-ħajja ta' bin âdam ma hix ġid, kif tidher f'bidlitha, xinhija? Hija deni, tabilħaqq?

Kull ħaj għandu miżrugħa f'qalbu ż-żerriegħa ta' l-imħabba u l-mibgħeda. Iħobb lilu n-nifsu fuq kollox, u lil għajru sa kemm jiswielu ta' ġid. Jobgħod lil għajru u jibża' minnu, kemm-il-darba jiswielu ta' hemm.

Tarbija—l-aktar mera safja tal-ħajja, għax ma tafx taħbi ġibdietha—tissaħħar u tinkaram għal min ireddagħha, min iżeffinha u jdaħħakha, imma tmill u tistkerraħ lil min xi darba weġġagħha, imqar biex ifejjaqha minn xi marda, li hi għad ma tifhimx li kinilha ta' ġid.

Xinhi mela l-ħajja? Il-ħajja taqbida. Il-ħajja ġlieda bla ħeda bejn l-imħabba u l-mibegħda; l-imħabba tal-jiena għal ksib il-hena, u l-mibegħda tal-għajr għal warb il-hemm. Il-ħajja ħarb mingħajr reħi bejn il-jiena waħdani ta' kull wieħed, u l-għajr kotrani ta' kull bqija.

Għaliex tħobb 'il ħabibek, u tħittex titkellem miegħu? Ifħas tajjeb lilek in-nifsek. Tħobbu għax igħid miegħek. Tħobbu għax ifaħħarlek egħmilek. Tħobbu għax titgħallem minnu Tħobbu, f'kelma waħda, għax kattarlek l-hena tiegħek.

Għaliex tobgħod għadumek u għax taħrab mill-kliem tiegħu? Tobogħdu għax ilumek. Tobogħdu għax imaqdarlek egħmilek. Tobogħdu għax jikxiflek egħwarek. Tobogħdu f'kelma waħda, għax ikattarlek il-hemm tiegħek.

Hemm hi l-ġlieda. Hemm hi t-taqbida. Hemm hu l-ħarb mewwieti bejn il-jiena tiegħek u l-għajr tal-bqija. Mela l-ħajja ġlieda. Daqqa rebbieħ u daqqa mirbuħ. Daqqa għalbien u daqqa magħlub. Ġlieda ma' min hu fuqek għal kisb u ż-żmien ta' jeddijietek. Ġlieda ma' min hu taħtek, għar-radd u t-temm ta' dmirijietu. Ġlieda ma' kull min hu ma' dwarek, u ġlieda, saħansitra, miegħek in-nifsek.

Għalhekk, għad li l-ħajja ma hix ġid, għax mhix kollha hena, anqas ma hi deni, għax mhix kollha hemm. Hi timwiġ, oxillazzjonijiet bejn il-ġid u d-deni, hekk kif jiġu fuq bin

âdam ħaġa wara l-oħra, it-telfiet u r-rbieħi, il-ħmum u l-hena il-qawmien u wqajja.

* * *

Jaqbillu 'l bin âdam jiġi fid-dinja, jew ma jaqbillux ?

Jekk dak li jkun jitwieled fil-għoli, u mbagħad jgħaddi ħajtu sa tmiemha waqgħa wara waqgħa u telfa wara telfa, il-hemm jibqa' jħossu sal-aħħar, għalhekk il-ħajja ma taqbillux. Jekk dak li jkun jitwieled fil-wata u mbagħad jgħaddi ħajtu qawma wara qawma u rebħa wara rebħa, il-hena jibqa' jħossu sal-aħħar, għalhekk il-ħajja taqbillu. Imma min jitwieled fil-għana, u jgħaddi ħajtu sal-aħħar fil-għana, jidra l-ħajr tal-għana u ma jibqax iħoss il-hena tiegħu. Għalhekk il-ħajja għalih tixrak u tifraq; la taqbillu u la ma taqbillux. Min jitwieled fil-faqar u jgħaddi ħajtu fil-faqar, jidra x-xarr tal-faqar, u ma jibqax iħoss in-niket tiegħu. Għalhekk il-ħajja għalih ukoll tixrak u tifraq; u la taqbillu u la ma taqbillux. Għani dejjem u fqir dejjem, f'dak li hu hena, xorta waħda.

Fqir raħli li debah gidi u stieden għall-ikla lil qrabatu, jithenna daqs għani belti li għamel għors sultani u stieden tajfa ta' kbarat. Fqir raħli li jidħol il-belt ta' darba f'sena, jistagħġeb u jsib xi jgħid lil niesu la jarġa' għal daru, daqs wieħed għani li żar Pariġi u Ruma, u qatta' fihom żmien is-sajf. Għaliex il-ħajja mdaqqsa; il-ħajja mqejjsa. Għax il-hena ma hux fil-kotra tal-miel, imma fil-lqiegħ tar-raj.

Imbagħad hemm ħaġa oħra.

Hemm wara kollox ħażin ieħor. Hemm toqqâla oħra li bħar-rummiena tal-istasija, iddaqqas it-toqol min-naħa l-waħda jew l-oħra tal-ħajja, fejn ikun qiegħed jiżdied. Din it-toqqâla hi tmiem il-ħajja. Il-waqfa tal-ħsus kollha. Dik li jgħidulha l-mewt.

Il-mewt ! L-imrar ta' min hu hieni, u l-ħlewwa ta' min hu nieket. Semmi l-mewt f'widnejn min hu hieni, u tara wiċċu qarras bl-imkejja. Semmiha quddiem min hu nieket, u tara wiċċu jixgħel bit-tama. Il-ħajja, la darba għandha tasal fi tmiemha, qiesha qatt ma kienet. Ngħixu ħamsin, sittin jew sebgħin sena u mmutu għal żmien bla tarf. Qabel did-darba li ġejna fid-dinja, ħadd minna ma jiftakar li ġie darba oħra. Ħaġar Qim u l-Imnajdra, igħidu l-għorrief, inbnew xi ħamest elef sena ilu. Ħadd minn dawk li bnewhom għadu ma qam mill-imwiet, wara dawn is-snin kollha, u anqas aħna, li aħna fid-dinja l-lum ma konna fid-dinja darba oħra ma' tul dan iż-żmien kollu. In-nies Neandertali kienu fid-dinja xi sebgħin elf sena ilu. Ħadd minnhom għadu ma qam mill-mewt ma' tul dan iż-żmien kollu. Anqas aħna li ninsabu fid-dinja issa ma niftakru li qatt konna xi ħaġa ma' tul dawn is-snin kollha.

Xinhi l-ħajja ta' bin âdam fejn erbgħin elf sena? Xinhuma ħamsin sena? Xinhuma sittin? Xinhuma mija?

U ftit hawn nies li jwasslu mija.

Mela l-ħajja ħaġa żgħira wisq biex wieħed iħabbel moħħu fuqha. Żmien qasir wisq igħaddi bin âdam fid-dinja. Il-ħajja qiesha żiġġa ta' ħuta minn wiċċ l-ilma: titla' mill-baħar, togħla ftit u tarġa' togħdos fil-baħar. Hekk bin âdam. Għal żmien bla tarf ma kien xejn, għal żmien qasir kien xi ħaġa, għal żmien bla tarf inqas ma jkun xejn aktar. Trab kont—sirt laħam —trab issir (4).

Jiena u ngħid dan, niftakar xi smajt darba l-qassisin jaqraw ġewwa knisja: qatgħa mill-kitba ta' Pawlu t-Tarxi lil Insara ta' żmienu. Il-kliem baqa' mitbugħ f'moħħi, u drabi niftakar fih, u nqarru lili n-nifsi, biex inġedded għafjietu fija. "Waħda ngħidilkom, ja aħwa," kiteb Pawlu, "żmien il-baqgħa qasir. U dawk li bkew qieshom ma bkewx, u dawk li thennew, qieshom ma thennewx: min xtara qiesu ma kisibx, u min inqeda bil-għomor, qiesu ma nqediex bih. Għax tgħaddi malajr il-wirja ta' did-dinja." (5)

Pawlu, b'dawn l-erba' kelmiet, ta' raġel imġarrab li kien ġibed xbieha safja tal-ħajja. Il-ħajja nfisha sejħilha wirja, kif kieku wieħed il-lum jgħidilha kummiedja, jew logħba, għal mogħdija taż-żmien.

* * *

Għidt fil-bidu li f'dil-kitba ridt infisser kif inwieġeb lili n-nifsi għal mistoqsija ta' "Fejn jiena?" li kull ħadd isaqsi lilu n-nifsu, għad li mhux kulħadd iweġeb xorta waħda.

Weġibt li d-dinja ġlieda, sibi, taqbida, bħalma miktub fi ktieb Għajjub: "Jewilla m'humiex sibi n-nies fuq l-art?" (6). U li dak li jkun ma għandux jinkedd għas-sehem ħażin jew tajjeb li messu fil-ħajja, għax hieni jew nieket, żmienu qasir, u ta' darba. Il-ħajja wirja, logħba, kummiedja, bħal ma kiteb Pawlu t-Tarxi: "Tgħaddi malajr il-wirja ta' did-dinja."

L. Cutajar.

1. Agħraf lilek in-nifsek.
2. Impressjonijiet tas-sensi.
3. Problemi.
4. Ktieb in-Nisel IV, 19.
5. Hoc autem dico fratres, tempus breve reliquum est, et flentes tamquam non flentes sint, gaudentes tamquam non gaudentes, ementes tamquam non possidentes, et utentes mundo hoc tamquam non utentes. Praeteriit enim figura mundi hujus. (Kitba lin-nies ta' Korintu I VII, 29-31).
6. Ha la zaba li anôx għala erez? (Ktieb Għajjub, VII, 1.)

# *Lehen il-Malti (Università)*

*KTEJJEB TA' KULL XAHAR — GHAT-TAGHLIM*

TISHIB XELIN FIS-SENA JEW 1*d.* IL-GHADD

GHAND AQUILINA TA' TRIQ IRJALI

ILAHHAQ IT-TIXRID TA' MADWAR ELF

JIDHOL FID-DJAR TAL-KBAR U Z-ZGHAR

**KONDIZZJONIJIET**

Kull imsieheb li ma jġeddedx it-tishib sa wara għadd li jkun wasallu mhux imħallas, ismu jitħassar mill-kotba tagħna.

Kull kitba li tinbagħat ma titreġġax lura u lanqas ma jingħataw fehmiet privati bil-miktub dwar xogħlijiet letterarji mibgħuta.

Lehen il-Malti hu l-ewwel nett ġurnal ta' l-istudenti ta' l-Università u għalhekk il-kitba ta' dawn tieħu l-ewwel post.

Il-kitba ta' barranin li ma tlaħħaqx sa fejn jitlob il-ġurnal titħalla barra mingħajr ma tingħata l-ebda raġuni

Il-kitba ta' nies mhux magħrufa jew imħarrġa biżżejjed tista' tkun mimsusa qabel tidher stampata.

Kittieba barranin m'għandhomx jibgħatu kitba li tieħu iżjed minn tliet faċċati.

Lehen il-Malti jitlob kitba li jkun fiha xi ħaġa iżjed minn Malti safi—sengħa u koltura.

Meta kitba tidher fuq isem b'ieħor l-editur għandu jkun jaf isem sewwa tal-kittieb bl-indirizz b'kollox.

Lehen il-Malti jiżżi ħajr lill-ħbieb kollha li jxerrduh fost dawk li għad ma bdewx jaqrawh, l-aktar lil dawk li jgħinuna nkabbru l-għadd ta' l-imseħbin.

Ittri u kitba letterarja għandhom jinbagħtu :

EDITUR, LEHEN IL-MALTI (Università)
Empire Press, 266, Triq San Pawl,
Il-Belt.

☞ Dalwaqt joħroġ ir-rumanz :

# LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR

TA'

ĠUŻÈ ELLUL

It-Tielet wieħed mill-

## ĠABRA TA' KITBA MALTIJA

MAĦRUĠA

MIT-TABIB ĠUŻÈ BONNICI

---

**Tisħib**

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena.**
**Kopja waħda sold**
**Għal barra minn**
**Malta id-doppju.**

**Għat-Tisħib u bejgħ morru għand id-Ditta**
**A. C. AQUILINA & Co.**
**58D Triq Irjali, Il-Belt.**